BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru. 02/2012**

**Data tal-pubblikazzjoni: 20 ta' Lulju 2012**

**Frar 2012**

## Il-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregati monetarji u l-kontropartijiet taż-żona tal-euro

Il-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro ċkienet b'EUR71.5 miljun, jew 0.7%, xahar fuq xahar fi Frar, għal EUR10.3 biljuni (ara Tabella 1). Madankollu, ir-rata tat-tkabbir annwali telgħet għal 12.7% minn 12.4% f'Jannar.

It-tnaqqis fl-aggregat monetarju sħiħ matul ix-xahar ta' Frar seħħ l-aktar minħabba l-komponent monetarju ristrett (M1), li naqas b'EUR48.1 miljun, jew 0.9% fi Frar. Dan it-tnaqqis min-naħa tiegħu kien dovut l-aktar għal volum inqas ta' depożiti *overnight*, li waqgħu b'EUR44.8 miljun, prinċipalment minħabba tnaqqis konsiderevoli fil-bilanċi miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji (NFCs). Sadattant, il-flus maħruġa naqsu bi ftit. B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali fl-M1 ċediet għal 10.9% fi Frar, minn 11.0% xahar qabel.

Matul ix-xahar ta' Frar, id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas, li huma t-tieni l-akbar element tal-komponent monetarju intermedju (M2) wara l-M1, ċkienu b'EUR19.1 miljun, jew 0.5%. Dan prinċipalment irrifletta tnaqqis fl-ammont ta' titoli miżmuma minn kumpaniji tal-assigurazzjoni u individwi. Sadattant, id-depożiti li jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew anqas kibru bi ftit matul dan il-perijodu. Ir-rata tat-tkabbir annwali tal-komponent monetarju intermedju telgħet għal 7.1% fi Frar, minn 6.9% f'Jannar.

Ċaqliq fl-M3 kompla jiġi influwenzat mill-ammont ta' titoli negozjabbli miżmuma mill-IFM. Filwaqt li t-titoli ta' dejn b'maturita' inizjali ta' sentejn jew anqas kibru bi ftit, is-self permezz ta' ftehim għal xiri mill-ġdid irreġistra tnaqqis sinifikanti ta' EUR11.0 miljun fi Frar.

Fir-rigward tal-kontropartijiet tal-M3, il-kreditu lir-residenti taż-żona tal-euro kiber b'EUR222.5 miljun fi Frar, hekk kif żdied kemm il-kreditu lill-gvern ġenerali u anke lill-bqija tas-setturi. Iż-żieda fil-kreditu lill-gvern ġenerali ta' EUR98.5 miljun, jew 2.2%, seħħet l-aktar minħabba żieda fl-ammont ta' titoli tal-Gvern ta' Malta miżmuma mill-banek, wara l-ħarġa ġdida li kien hemm matul dan ix-xahar. Sadattant, il-kreditu lil residenti barra l-gvern ġenerali għola b'EUR123.9 miljun, jew 1.1%, u dan jirrifletti volum ogħla ta' self lis-settur privat. Minħabba f'hekk, fuq bażi annwali, it-tkabbir fil-kreditu aċċelera għal 11.4% fi Frar, minn 10.0% xahar qabel.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn l-IFM residenti f'Malta u dawk residenti f'pajjiżi barra ż-żona tal-euro, ċkienet b'EUR693.9 miljun, jew 8.0%, fi Frar. Dan it-tnaqqis irrifletta waqgħa konsiderevoli fl-assi u żieda fl-obbligazzjonijiet. Il-tnaqqis fl-assi kien prinċipalment dovuta għal bejgħ qawwi ta' titoli tal-gvern maħruġa barra ż-żona tal-euro li sar minn bank domestiku. Sadattant, iż-żieda fl-obbligazzjonijiet seħħet l-aktar minħabba bilanċi ogħla ta' depożiti fissi ta' banek barra ż-żona tal-euro.

Il-kontropartijiet l-oħra tal-M3 niżlu b'EUR399.9 miljun, jew 2.8%, fi Frar, minħabba tnaqqis f'obbligazzjonijiet oħra (netti), li jirriflettu l-aktar transazzjonijiet bejn il-banek fiż-żona tal-euro.

## Transazzjonijiet ma' residenti Maltin: depożiti u self

Id-depożiti ta' residenti Maltin miżmuma ma' IFM Maltin ċkienu b'EUR70.9 miljun, jew 0.8% fi Frar (ara Tabella 2). Dan it-tnaqqis inzerta ħabat mal-ħruġ ta' titoli tal-gvern fuq is-suq primarju u seħħ l-aktar minħabba l-komponent tad-depożiti *overnight*, li niżel b'EUR57.0 miljun, jew 1.2%. B'kuntrast għal dan, id-depożiti li jinfdew b'avviż sa tliet xhur żdiedu b'EUR3.8 miljuni, filwaqt li dawk li ntrabtu għal sentejn jew anqas waqgħu b'EUR17.7 miljun.

Ir-rata tat-tkabbir annwali tad-depożiti totali kompliet tikber, u laħqet 5.7% minn 5.4% f'Jannar. Meta wieħed iqabbel, ir-rata tat-tkabbir tad-depożiti totali inklużi fl-M3 tar-residenti kollha fiż-żona tal-euro miżmuma fl-IFM kollha fl-istess żona kienet ta' 2.5%.

Il-waqgħa fid-depożiti *overnight* fi Frar seħħet l-aktar minħabba inqas bilanċi miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji. Iż-żieda fid-depożiti li jinfdew b'avviż sa tliet xhur seħħet ukoll minħabba kumpaniji privati mhux finanzjarji, filwaqt li t-tnaqqis fid-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas kienet dovuta għal kumpaniji tal-assigurazzjoni u individwi.

Il-kreditu tal-IFM residenti lil residenti ta' Malta (inkluż il-gvern) kiber b'EUR151.8 miljun, jew 1.4%, fi Frar. Minħabba f'hekk, fuq bażi annwali, ir-rata tat-tkabbir tal-kreditu rpiljat għal 6.8% minn 5.4% ix-xahar ta' qabel.

Il-kreditu lill-gvern ġenerali għola b'EUR89.5 miljun, jew 3.8%, u dan seħħ l-aktar minħabba żieda fl-ammont ta' titoli tal-Gvern ta' Malta miżmuma mill-banek wara l-ħruġ ġdid fis-suq primarju li ssemma aktar qabel. Fuq bażi annwali, ir-rata tat-tkabbir aċċellerat għal 13.9% minn 9.4% f'Jannar.

Bl-istess mod, il-kreditu lil residenti barra l-gvern ġenerali kiber b'EUR62.4 miljun, jew 0.7%, minħabba volum ogħla ta' self mogħti lil kumpaniji privati mhux finanzjarji, b'mod partikolari fis-settur tal-bejgħ bl-ingrossa u l-imnut, u lill-individwi – l-aktar għall-iffinanzjar ta' xiri tad-djar. B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu lil residenti oħra telgħet għal 4.9% fi Frar minn 4.3% f'Jannar, filwaqt li dik tas-self żdiedet b'0.6 punti perċentwali għal 4.7%. Meta wieħed iqabbel, ir-rata tat-tkabbir tas-self mogħti mill-IFM kollha taż-żona tal-euro lir-residenti tal-istess żona barra l-gvern ġenerali kienet ta' 0.5%.

## Assi barranin netti tal-IFM Maltin

L-assi barranin netti tal-IFM Maltin żdiedu b'EUR65.7 miljun, jew 0.6%, fi Frar, hekk kif it-tnaqqis fl-obbligazzjonijiet barranin kien akbar mit-tnaqqis fl-assi esterni (ara Tabella 2).[1] Filwaqt li t-tnaqqis fl-obbligazzjonijiet seħħ minħabba li l-banek domestiċi

[1] L-assi barranin netti jikkonsistu f'obbligazzjonijiet netti ta' residenti fil-kumplament tad-dinja lejn IFM residenti f'Malta. Ir-residenti fil-kumplament tad-dinja jinkludu residenti barra ż-żona tal-euro u residenti ta' pajjiżi fiż-żona tal-euro barra Malta.

kellhom anqas dejn, it-tnaqqis fl-assi rrifletta il-bejgħ imsemmi qabel, li sar minn bank domestiku, ta' titoli tal-gvern li kienu maħruġa mill-barranin. F'termini annwali, l-assi barranin netti żdiedu b'6.8%, minn 5.9% f'Jannar.

**Rati ta' imgħax bankarji fuq self u depożiti**

Fi Frar, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa fuq depożiti inklużi fl-M3 żdiedet b'punt bażi għal 1.12% filwaqt li dik fuq is-self baqgħet l-istess, jiġifieri 4.69%. Meta mqabbla ma' sena qabel, ir-rata tal-imgħax imħallsa fuq id-depożiti naqset b'żewġ punti bażi, filwaqt li r-rata mitluba fuq is-self naqset b'erba' punti bażi.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 1: IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM(1)(2)

*€ miljuni*

| | Fra-12 | Jan-12 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Fra-11 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-AGGREGATI MONETARJI(3)** | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **5,528.0** | **5,576.2** | **-48.1** | **-0.9** | **4,986.3** | **541.8** | **10.9** |
| Flus maħruġa(4) | 702.9 | 706.3 | -3.4 | -0.5 | 665.7 | 37.2 | 5.6 |
| Depożiti *overnight* (5) | 4,825.1 | 4,869.9 | -44.8 | -0.9 | 4,320.5 | 504.6 | 11.7 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **9,586.2** | **9,649.6** | **-63.4** | **-0.7** | **8,949.7** | **636.4** | **7.1** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 5,528.0 | 5,576.2 | -48.1 | -0.9 | 4,986.3 | 541.8 | 10.9 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas(5) | 130.7 | 126.9 | 3.8 | 3.0 | 126.2 | 4.4 | 3.5 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas(5) | 3,927.5 | 3,946.5 | -19.1 | -0.5 | 3,837.2 | 90.2 | 2.4 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **10,331.8** | **10,403.2** | **-71.5** | **-0.7** | **9,164.1** | **1,167.7** | **12.7** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 9,586.2 | 9,649.6 | -63.4 | -0.7 | 8,949.7 | 636.4 | 7.1 |
| Self kontra titoli | 533.0 | 544.0 | -11.0 | -2.0 | 0.0 | 533.0 | 0.0 |
| Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas(6) | 212.6 | 209.7 | 2.9 | 1.4 | 214.4 | -1.8 | -0.8 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **16,254.0** | **16,031.5** | **222.5** | **1.4** | **14,585.8** | **1,668.2** | **11.4** |
| Self lill-gvern ġenerali | 4,639.6 | 4,541.1 | 98.5 | 2.2 | 4,052.0 | 587.6 | 14.5 |
| Self lil setturi oħra | 11,614.4 | 11,490.5 | 123.9 | 1.1 | 10,533.8 | 1,080.6 | 10.3 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **7,965.8** | **8,659.7** | **-693.9** | **-8.0** | **7,582.3** | **383.5** | **5.1** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 29,845.5 | 30,369.4 | -524.0 | -1.7 | 28,668.0 | 1,177.5 | 4.1 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 21,879.7 | 21,709.8 | 169.9 | 0.8 | 21,085.7 | 794.0 | 3.8 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA (-)** | **13,888.0** | **14,287.9** | **-399.9** | **-2.8** | **13,004.0** | **884.0** | **6.8** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 828.2 | 547.9 | 280.3 | 51.2 | 787.2 | 41.0 | 5.2 |
| Obbligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 12,130.4 | 12,144.1 | -13.7 | -0.1 | 11,417.5 | 712.9 | 6.2 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 929.4 | 1,595.9 | -666.5 | -41.8 | 799.4 | 130.1 | 16.3 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.

(2) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

(3) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(4) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Centrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM. Għall-2008, ġew inklużi l-karti tal-flus u l-muniti tal-lira Maltija li għadhom ma ssarrfux. Dan għalhekk jirrappreżenta l-ammont li jifdal ta' flus li nħarġu wara li jitnaqqsu l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro (u temporanjament il-flus tal-lira Maltija) miżmuma minn IFM f'Malta.

(5) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

(6) Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas minn IFM f'Malta wara li jitnaqqsu titoli bħal dawn miżmuma minn IFM f'Malta u maħruġa minn IFM fi kwalunkwe post fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi li jinvestu fi swieq tal-flus (MMF).

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 2: ŻVILUPPI FID-DEPOŻITI U FIS-SELF TA' RESIDENTI TA' MALTA U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI[(1)]

*€ miljuni*

| | Fra-12 | Jan-12 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Fra-11 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **DEPOŻITI** | | | | | | | |
| **DEPOŻITI TOTALI TA' RESIDENTI[(2)]** | **8,500.1** | **8,571.1** | **-70.9** | **-0.8** | **8,040.0** | **460.1** | **5.7** |
| Depożiti *overnight* | 4,667.3 | 4,724.4 | -57.0 | -1.2 | 4,182.8 | 484.5 | 11.6 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas | 128.1 | 124.3 | 3.8 | 3.1 | 125.5 | 2.6 | 2.1 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas | 3,704.7 | 3,722.4 | -17.7 | -0.5 | 3,731.7 | -27.0 | -0.7 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI** | | | | | | | |
| **SELF TOTALI LIL RESIDENTI** | **11,036.7** | **10,884.9** | **151.8** | **1.4** | **10,337.4** | **699.3** | **6.8** |
| Self lill-gvern ġenerali | 2,443.9 | 2,354.5 | 89.5 | 3.8 | 2,146.6 | 297.4 | 13.9 |
| Self lil setturi oħra | 8,592.8 | 8,530.4 | 62.4 | 0.7 | 8,190.9 | 401.9 | 4.9 |
| **ASSI NETTI BARRANIN** | **11,661.9** | **11,596.2** | **65.7** | **0.6** | **10,915.4** | **746.5** | **6.8** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barranin | 41,708.0 | 42,103.5 | -395.6 | -0.9 | 39,974.0 | 1,734.0 | 4.3 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barranin (-) | 30,046.1 | 30,507.4 | -461.3 | -1.5 | 29,058.6 | 987.5 | 3.4 |

[(1)] It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.
[(2)] Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.